MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 640/2003

**Noel u Emanuela konjugi Decesare**
**vs**
**Concetta Charles u Dr.Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno kuraturi nominati b' digriet tal-Qort tal-15 ta' Lulju 2003 ghan-nom u in rappresentanza ta' l-assenti Dennis Charles**

**Il-Qorti**,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu: peress illi l-atturi xtaqu jadottaw tifla mill-Pakistan ta' bejn tlieta u sitt xhur fl-eta' u ghalhekk intrabtu mal-konvenuta Concetta Charles sabiex l-istess konvenuta tipprovdielhom tifla ghall-adozzjoni taht certi patti u kondizzjonijiet rizultanti fi ftehim iffirmat bejn l-atturi u l-konvenuta nhar is-7 ta' Marzu 2001; peress illi, ghal din l-adozzjoni, l-atturi hallsu l-konvneuta s-somma ta' hames telef u hames mitt liri Maltin (Lm 5,500) liema somma giet moghtija f'zewg pagamenti; peress illi,

minkejja d-diversi weghdiet da parti tal-konvenuta, l-imsemmija tifla mill-Pakistan baqghet ma waslietx u ghalhekk il-ftehim ta' bejn l-atturi u l-konvenuta gie mgedded ghal darbtejn ohra cioe' wiehed sa l-ahhar jum ta' Settembru 2002 u l-iehor gie estiz sa l-ahhar jum ta' Jannar 2003; peress illi, nonostante l-imsemmija estenzjonijiet u l-iskadenza ta' l-istess, il-konvenuta baqghet ma gabitx l-imsemmija tifla mill-Pakistan fit-termini miftiehma bejn il-partijiet u ghalhekk il-ftehim m'ghadux jorbot lill-partijiet; peress illi, ghalkemm l-atturi sejhu lill-konvenuta sabiex taddivjeni ghar-restituzzjoni tas-somma komplessiva ta' Lm5,500, hija baqghet inadempjenti; peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghat-tenur ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u l-atturi qeghdin jannettu ma dan l-att, affidavit ghall-iskop ta' l-istess artikoli msemmija;

Jghidu il-konvenuti, jew min minnhom, ghar-ragunijiet imsemmija, u prevja kull dikjarazzjoni li, hi mehtiga skond il-Ligi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-attur bid-dispensa tas-smigh ghat-tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u
2. Tiddikjara li l-ftehim datat 7 ta' Marzu 2001, inkluz l-estenzjonijiet tieghu m'ghad ghandhom l-ebda effett u dan peress illi l-ftehim datat 7 ta' Marzu 2001 u l-estenzjonijiet tieghu skadew; u
3. Tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta' Lm 5,500.

Bl-ispejjez u l-imghax legali, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja kontra l-konvenuta datata 13 ta' Jannar 2003 u r-rikors sabiex jigi appuntat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Dennis Charles li qieghed jigi prezentat kontestwalment ma din ic-citazzjoni, kif ukoll il-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi, l-affidavit anness u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta Concetta Charles debitament notifikata bit-citazzjoni u bl-avviz tas-smigha fit-30 ta' Ottubru 2003 [fol.34 tergo], baqghet kontumaci;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi li ghan-nom tal-assenti Dennis Charles eccepew illi f' dak l-istadju ma kienux edotti mill-fatti tal-kawza – salvi eccezzjonijiet ulterjuri;
Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet trattazzjonijiet mid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Illi l-fatti allegati mill-atturi kif rapportati fl-att tac-citazzjoni jinsabu konfermati minnhom bil-gurament kemm fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom, kemm fl-affidavit taghhom, kif ukoll mid-dokumenti minnhom esebiti. Inoltre, dawn il-fatti ma gew kontrastati bl-ebda mod mill-konvenuti.

Illi rigward il-punt sollevat mid-difensur tal-konvenut Dennis Charles fis-sens li dana ma deher imkien fit-transazzjonijiet de quo, il-Qorti tirrileva li r-responsabilita' civili tieghu temani mill-kontenut tal-Artikoli 1316, 1320 u 1321 tal-Kap.16 fid-dawl tal-fatt li bejn iz-zewg konvenuti jidher li hemm stat ta' zwieg.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi jinsabu sodisfacentement provati u huma gustifikati, u ghalhakekk ghandhom jigu milqugha fil-konfront taz-zewg konvenuti.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jirrestitwixxu lill-atturi s-somma ta' hames telef u hames mitt lira maltin [Lm5,500] bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez kollha mitluba a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------